## 13 ta' Mejju, 1994

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Antoinette Farrugia *pro et noe*

*versus*

Sammy Meilaq *noe et*

**Delitt – Kumpanija – Interpretazzjoni ta' Eċċezzjoni ta' Preskrizzjoni – L-azzjoni "*Debitor Debitoris Mei*"**

*Azzjoni bbażata fuq l-obbligazzjoni li titwieled mill-kommissjoni ta' delitt ma tistax tiġi proposta kontra kumpanija, inkwantu kumpanija ma tistax tikkommetti delitt, għaliex dan jista' jiġi kommess biss minn persuna fiżika.*

*Id-diriġenti ta' kumpanija jridu jiġu mħarrka personalment, u mhux fil-kwalità tagħhom rappreżentattiva, għalkemm naturalment bil-kwalifika li d-delitt ikkommettewh meta kellhom il-kariga kwalifikanti u huma kienu responsabbli għad-deċiżjoni li ttieħdet jew naqsu li jagħmlu dak li kellhom id-dover li jagħmlu anki biex ma jippermettux li d-delitt jiġi kommess.*

*Il-Qorti għandha dejjem tinterpreta kull aspett ta' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni b'mod ristrett.*

*Il-preskrizzjoni kontra l-azzjoni "debitor debitoris mei" hija dik li hija applikabbli bejn iż-żewġ debituri tal-kreditur li qed jeżerċita l-azzjoni.*

Il-Qorti: –

1. Fl-4 ta' Diċembru, 1989, fil-baċir numru 6, tal-*Malta Drydocks*, f'inċident, miet Angelo Farrugia u żewġ ħaddiema oħra, meta għal ġol-baċir waqa' *"dock arm"* li huma kienu qed jaħdmu fuqu;

2. Għal dan l-inċident fatali l-atturi jgħidu li huma responsabbli l-konvenuti *nomine*, jew min minnhom, minħabba n-nuqqas ta' ħila fl-arti u s-sengħa tagħhom u minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, jew għaliex ma pprovdux *"a safe system of work"*, ma ħadux il-prekawzjonijiet meħtieġa, jew addirittura ssupplixxew makkinarju u impjant difettuż, jew naqsu li jimmuntaw dan il-makkinarju jew impjant skond l-arti u s-sengħa;

3. Iċ-ċitazzjoni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tkompli billi tesponi illi l-atturi bil-mewt imsemmija ta' żewġ l-attriċi Antoinette, u missier l-atturi l-oħra, sofrew danni u għalhekk talbu l-Qorti: (a) tiddikjara l-konvenuti responsabblli għal dak li ġara u allura għad-danni sofferti mill-atturi, (b) liema danni għandhom jiġu llikwidati, u (ċ) il-konvenuti kkundannati li jħallsuhom l-istess danni;

4. *Stork Services BV* ta' l-Olanda eċċepiet illi hija esegwiet ix-xogħol ta' kostruzzjoni skond is-sengħa u skond kif ġie ordnat, liema xogħol ġie approvat mill-*Bureau Veritas;*

5. Sammy Meilaq, għan-nom tal-*Malta Drydocks* oppona illi huwa m'huwiex b'ebda mod responsabbli. Mingħajr preġudizzju u mingħajr ma assuma ebda responsabbilità, diġà kkompensa lill-atturi u mid-danni li talvolta jistgħu jiġu llikwidati favur l-atturi, għandhom jitnaqqsu dawk li huma diġà rċevew;

4. Sussegwentement, il-kumpanija olandiża opponiet il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attriċi skond l-artikolu 2153 Kap. 16;

7. Din l-aħħar eċċezzjoni ġiet irriġettata mill-ewwel Onorabbli Qorti b'sentenza ta' l-10 ta' Diċembru, 1993, li ddisponiet hekk:

"It-teżi ta' l-eċċipjenti hija li l-preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni odjerna hija ta' sentejn ibbażata fuq id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili billi skond l-eċċipjenti, *si tratta* ta' allegati ħsarat mhux kaġonati b'reat;

Mill-banda l-oħra, it-teżi ta' l-atturi hija illi l-azzjoni odjerna għad-danni tiskaturixxi minn inċident fatali li ġara fit-tarzna fl-4 ta' Diċembru 1989, fejn miet l-awtur ta' l-esponenti minħabba, dejjem skond l-atturi, imperizja, traskuraġni, nuqqas ta' ħila fl-arti u s-sengħa u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tal-konvenuti *nomine*. Dawn il-fatti jagħtu lok għall-eżerċizzju ta' żewġ azzjonijiet, dik ċivili għad-danni u dik kriminali għall-omiċidju involontarju kkontemplat fl-art. 225 tal-Kodiċi Kriminali;

L-atturi komplew jissottomettu illi r-reat ta' omiċidju involontarju skond l-art. 225 tal-Kodiċi Kriminali hu passibbli għall-piena ta' priġunerija sa żmien sentejn, u skond l-art. 688 (d) ta' l-istess Kodiċi, reati li jkunu passibbli għal din il-piena huma preskritti bil-passaġġ ta' żmien ta' ħames (5) snin u mhux ta' sentejn. Għalhekk f'kull każ il-preskrizzjoni tiskadi fl-4 ta' Diċembru 1994;

*Stante* li l-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi testwalment:

"(1) Dwar il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ċivili għall-ħlas ta' ħsarat **ikkaġunati b'reat**, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali għall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali";

Għalhekk f'dan il-każ il-preskrizzjoni applikabbli hi indubbjament dik ta' ħames snin, li għadhom m'għaddewx sal-lum, aħseb u ara kemm kienu għadhom ma għaddewx meta ġiet ippreżentata l-azzjoni odierna, fl-1992;

Imma anki kieku għall-grazzja ta' l-argument il-*preskrizzjoni kellha tkun dik ta' sentejn invokata mill-konvenuta* Dr. Yana Micallef Stafrace *nomine* din ġiet xorta interrotta bl-ittra uffiċjali, ippreżentata fl-14 ta' Novembru 1991 kontra kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti *"Stork Services B.V."* u nnotifikata lill-kuraturi fl-10 ta' Diċembru 1991 u ċjoè *entro* t-terminu preskritt fl-artikolu 2130(1) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-konvenuti *nomine* qed jagħmlu riferenza għas-subinċiż (2) ta' l-art. 2130 tal-Kodiċi Ċivili u jinjoraw għal kollox l-import ta' l-artikolu 2131 li jiddisponi testwalment hekk:

"*Il-preskrizzjoni tinkiser* b'talba ġudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx ġiet innotifikata lill-konvenut **minħabba li jkun nieqes minn dawn il-Gżejjer**, jew għal xi raġuni tajba oħra, basta li l-attur jissokta l-kawża kontra **kuraturi maħtura mill-Qrati**, bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

L-atturi proprju użaw din il-proċedura kontra kuraturi li tippermetti l-Liġi fl-artikolu fuq imsemmi, lil tidher li hija proċedura valida u alternattiva għal dik ikkontenuta fl-art. 2130(2) li tidher li hi proċedura fakoltattiva u mhux

tassattivament rikjesta *ad validitatem*, kif qed tiġi interpretata b'mod żbaljat mill-konvenuti kuraturi *nomine;*

Għalhekk issottomettew li l-Qorti għandha tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni intavolata mill-konvenuti Micallef Stafrace u Mifsud Bonnici *nomine* u tordna li l-kawża titkompla fuq il-mertu;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma tagħha huma validi s-sottomissjonijiet ta' l-atturi billi l-preskrizzjoni applikabbli, għar-raġunijiet fuq iċċitati miġjuba mill-atturi, li l-Qorti qiegħda tagħmel tagħha, hija dik ta' ħames snin a tenur ta' l-artikolu 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili u ta' l-artikoli 225 u 688(d) tal-Kodiċi Kriminali u mhux dik ta' sentejn a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili ssollevata mill-konvenuti kuraturi deputati;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad bħala infondata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2153 issollevata mill-konvenuti kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjetà konvenuta assenti "*Stork Services BV*" ta' Hengela fl-Olanda, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti *nomine*";

8. Il-kumpanija Olandiża appellata u avvanzat żewġ punti prinċipali – l-ewwel illi bħala kumpanija hija ma tistax tikkommetti delitti, u allura l-azzjoni attriċi kontra tagħha fuq allegat ta' kummissjoni ta' delitt mhix possibbli, u minn dan isegwi li l-artikolu 2154(1) Kap. 16 ma jistax kien applikabbli fil-konfront tagħha, u t-tieni – biex hija, bħala kumpanija, assenti minn Malta, l-ittra uffiċjali kontra tagħha kellha tiġi nnotifikata b'pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern art. 2130(2) Kap. 16;

9. Fir-risposta tagħhom, l-atturi jgħidu:

"Illi ma jistax ikun hemm dubju li l-azzjoni attriċi hija dik li toħroġ minn fatti li jagħtu lok għall-azzjoni kriminali ta' omiċidju involontarju";

Azzjoni bħal din, ibbażata fuq l-obbligazzjoni li titwieled mill-kommissjoni ta' delitt, ma tistax tiġi proposta kontra kumpanija inkwantu kumpanija ma tistax tikkommetti delitt għaliex dan jista' jiġi kommess biss minn persuna fiżika;

L-aggravju lamentat mill-kumpanija huwa kkonfortat mis-sentenza li għaliha għamlet riferenza (sfortunatament mingħajr l-indikazzjoni preċiża mixtieqa) tad-9 ta' Diċembru, 1969, fl-ismijiet A.V. Mallia *nomine vs* Dr. J. Parma *et nomine* ta' din il-Qorti – Sede Kummerċjali – fejn proprju intqal:

"*Biex japplika l-art. 2259(1) tal-Kodiċi Ċivili (illum 2154)(1)* Kap. 16) jeħtieġ li d-danni rreklamati jkunu ġew ikkaġonati b'reat. Inoltre, jeħtieġ li wieħed jara t-termini taċ-ċitazzjoni. L-allegazzjoni li tammonta għall-imputazzjoni tar-reat ta' omiċidju involontarju saret biss u unikament kontra s-soċjetà appellata. Imma soċjetà mhix legalment kapaċi li tikkommetti reat, u kwindi l-azzjoni kif esperita ma tistax tkun ta' danni kkaġonati b'dak ir-reat, u kwindi l-azzjoni kif esperita ma tistax tkun ta' danni kkaġunati b'dak ir-reat, u għalhekk l-art. 2259(1) Kodiċi Ċivili (2154(1) Kap. 16) mhux applikabbli għall-każ";

Fir-risposta tagħhom, l-atturi jgħidu illi l-fatt illi sa l-4 ta' Diċembru, 1994, għadu possibbli li tiġi proposta l-azzjoni kriminali kontra kull wieħed mid-diriġenti tal-kumpanija jekk dan ikun Malta, juri kemm għandhom raġun li pproponew l-

azzjoni tagħhom. Però ħawnhekk id-diffikultà hija li l-azzjoni ma ġietx proposta kontra l-persuni fiżiċi – id-diriġenti tal-kumpanija – li jistgħu jirrispondu għad-delitt imma kontra l-kumpanija bħala tali u kontra din l-azzjoni għad-danni kkawżati minn delitt, mhix proponibbli. Id-diriġenti jridu jiġu mħarrka personalment, u mhux fil-kwalità tagħhom rappreżentattiva, għalkemm naturalment bil-kwalifika li d-delitt ikkommettewh meta kellhom il-kariga kkwalifikanti u huma kienu responsabbli għad-deċiżjoni li ttieħdet jew naqsu li jagħmlu dak li kellhom id-dover li jagħmlu anki biex ma jippermettux li d-delitt jiġi kommess. Din ir-responsabbilità – ġà magħrufa għad-dritt Malti – reġgħet ġiet ribadita, (anki jekk b'diċitura infeliċi u mingħajr rispett għar-regoli tal-loġika ġuridika), fl-artikolu 13 Kap. 249;

10. Dan kollu huwa rilevanti għal dak li hemm fis-sentenza appellata li billi l-bażi ta' l-azzjoni dedotta fiċ-ċitazzjoni huwa d-delitt ta' omiċidju involontarju, allura l-preskrizzjoni kkontemplata fl-artikolu 2153 Kap. 16 – avvanzata fl-eċċezzjoni – ma tapplikax għal każ in kwistjoni. Din hija l-preskrizzjoni ta' sentejn għall-azzjoni għall-ħlas tad-danni illi però ma jridux ikunu kkaġonati b'reat;

11. L-atturi, f'dan l-appell, l-ewwel antiċipaw u mbagħad segwew is-sentenza appellata, u waslu biex jaffermaw – kif ġew ikkwotati fil-paragrafu preċedenti – li l-azzjoni tagħhom hija dik li toħroġ minn fatti li taw lok għall-azzjoni kriminali ta' omiċidju involontarju. Però din il-Qorti tosserva li fiċ-ċitazzjoni, hemm kawżali li jinteressaw partikolarment lill-kumpanija Olandiża:

"...issuplixxew makkinarju u impjant difettuż, jew naqsu li jummutaw dan il-makkinarju jew impjant skond l-arti u s-sengħa";

Minn dawn il-kawżali, azzjoni għad-danni kontra **kumpanija persuna ġuridika** – u mhux kontra xi **pseruna fiżika** – tiftiehem li hija azzjoni fuq nuqqasijiet ta' natura kuntrattwali. Dan ifisser illi hija l-*Malta Drydocks* li tista' tazzjona lill-kumpanija Olandiża għan-nuqqasijiet kuntrattwali bħalma presumibbilment qed jiġi pprospettat illi kontrarjament għal dak li ġie miftiehem fuq il-**kwalità** ta' makkinarju li l-kumpanija kellha tissuplixxi lil *Malta Drydocks,* dan ma kellux ikun difettuż. Naturalment, jirnexxilhom li jippruvaw l-allegazzjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward, ikun difatti qegħdin jeżerċitaw l-*"actio debitor debitoris mei"* li jipprovdi l-art. 1143 Kap. 16;

12. Naturalment, din il-perspettiva ma ġietx ikkonsiderata fl-ewwel istanza però, din il-Qorti, ma setgħetx ma tikkomprendihiex għaliex l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni timplika dejjem diversi kwistjonijiet kollaterali li jridu jiġu wkoll investiti;

13. Hawnhekk il-Qorti tħoss li: (a) għandha dejjem tinterpreta kull aspett ta' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni b'mod ristrett; (b) ma tistax tittraskura, u wisq anqas tinjora l-kawżali, ta' l-att promotur ta' l-azzjoni, anki meta, bħal f'dan il-każ, għal xi raġuni jew oħra, jiġu akkantonati mill-istess promotur jew promoturi ta' l-azzjoni, fit-trattazzjoni tal-kawża;

14. Il-preskrizzjoni kontra l-azzjoni *"debitor debitoris mei"* hija dik li hija applikabbli bejn iż-żewġ debituri tal-kreditur li qed jeżerċita l-azzjoni – kif ġà ġie ritenut fil-ġurisprudenza:

"...che quantunque, come risulta dal detto articolo 849 (illum l-art. 1143 Kap. 16) i creditori pel conseguimento di quanto è loro dovutu possono esercitarre tutte le azioni del loro

debitore, e che non gli siano esclusivamente personali;non è meno certo che se l'azione è estinta per prescrizione contro il debitore, e anche estinta pel creditore'';

kif hemm fis-sentenza, *ultra ezaurienti* fuq (varjetà ta' kwistjonijiet) ta' din il-Qorti tat-22 ta' Ġunju, 1877, fl-ismijiet – *Gentildonna A. Agius Grech Delicata vs Monsignor Vescovo Dr. D. Antonio e Don Salvatore Canonico Capitolare Grech Delicata et* – Vol. VIII p. 281;

15. L-azzjoni li l-Korporazzjoni *Malta Drydocks* għandha – skond l-**allegat ta' l-atturi** – kontra l-kumpanija Olandiża, il-konvenuta l-oħra, hija azzjoni **għad-danni** però jrid jiġi stabbilit xi kwalità ta' danni huma inkwantu hemm żewġ kwalità ta' danni kif inhuwa magħruf – dawk li huma danni kontrattwali u dawk li huma estrakontrattwali hekk imsejjħin danni *aquiliani* – u l-preskrizzjonijiet applikabbli għaż-żewġ kwalità ta' azzjonijiet huma differenti. Dawk ta' l-ewwel huma milqutin bil-preskrizzjoni kkontemplata fl-artikolu 2156(f), waqt li l-oħra hija preskritta skond l-artikolu 2153:

''Il-kwistjoni hija jekk il-kolpa fil-każ preżenti kinitx kontrattwali jew extra-kontrattwali, għaliex minn hekk jiddependi t-terminu preskrizzjonali. Ma hemmx dubju li kwistjoni simili ġiet dibattuta ferm fid-duttrina, tant li *il Giorgi* jgħid: ''*La distinzione fra colpa contrattuale e colpa stracontrattuale, è inoltre i temi preferiti della dottrina contemporanea* – *Teor. Obbligazioni Vol. V, p. 218 Nota 1''*;

sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Frar, 1954, – J. Busuttil *vs* J. Schembri – Vol. XXXVIII.i.295;

Id-distinzjoni bejn iż-żewġ kwalitajiet ta' danni li jistgħu jiġu sofferti hija abbraċċjata wkoll f'din iċ-ċitata sentenza, u qiegħda f'dan il-kriterju; jekk il-fatti kolpużi li kkawżaw id-dannu kinux jew le kjarament indipendenti mill-kuntratt, u jekk ir-risposta hija fin-negattiv, allura d-danni huma ta' natura kontrattwali. Kif intqal fil-paragrafu 11 *supra* – il-kawżali li jinteressaw lill-kumpanija Olandiża huma, u jistgħu f'dan il-każ, ikunu **biss** ta' natura kontrattwali, għaliex diġà ntqal, kumpanija, bħala tali, ma tistax tirrispondi għall-imputazzjoni ta' delitt;

16. **Fit-termini ta' dawn il-konsiderazzjonijiet** għalhekk, għalkemm totalment differenti minn dawk tas-sentenza appellata, il-konklużjoni deċiżiva ta' l-istess sentenza, hija kkonfermata u l-appell huwa miċħud, billi l-preskrizzjoni avvanzata ċjoè dik li jsemmu l-artikolu 2153 Kap. 16, ma tapplikax għall-azzjoni ta' danni kif proposta biċ-ċitazzjoni ta' l-atturi inkwantu din tolqot il-kumpanija Olandiża, konvenuta bħala tali;

L-ispejjeż – għar-raġunijiet ovvji jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.